# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 956

KAZ NRU. 1039

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Christopher Galea

u

Mercasol Rustproofing Centre

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 17 ta' Lulju, 1998

**Chairman : Is-Sur Maurice Petrocochino**

Din il-kwistjoni tax-xoghol giet riferita mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani lit-Tribunal Industrijali b'ittra datata 27 ta' Mejju, 1996 b'riferenza ME 4/95/147/II skond il-provvediment tal-Artiklu 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-tilwima tikkonsisti fl-allegazzjoni, da parti tal-appellant, li gie mkecci ngustament waqt li l-kumpanija isostni li kien hemm ragunijiet li jiggustifikaw it-tkeccija. Dan sostnietu bl-akkuza li nqabad jahdem bi qliegh waqt is-sick leave - fatt li kien gara aktar minn darba. Din l-akkuza saret fli-Statement of Case datata 16 ta' Novembru, 1996 iffirmat biss mir-rapprezentant tal-kumpanija. Fil-25 ta' April, 1997 il-kumpanija pprezentat addenda fejn allegat traskuragni fix-xoghol li gieghel lill-management li jbiddel ix-xoghol tal-appellant ghal wiehed fejn seta' jigi kontrollat

kontinwament pero', minkejja dan l-agir il-paga tieghu giet mizjuda biex forsi jithajjar jirranga. Fl-4 ta' Marzu, 1996 l-appellant ma dahalx ghax-xoghol u l-principal qal li rah qed jahdem fuq karozza quddiem il-garage tad-dar tieghu.

Kien hemm diversi fatturi li ngabu 'l quddiem pero' it-Tribunal ma jhossx li kienu kkontribew jew iggustifikaw it-tkeccija, u cioe' :-

(a) It-tabib Zarb. Dan kien hareg certifikat mediku lill-appellant u tah tlett ijiem ghaliex kien qallu li fuq ix-xoghol kellu hafna tahbit u allura t-tabib deherlu li kien ahjar iserrah dahru. It-tabib ikkonferma li d-decizjoni tieghu kienet tajba u li kien wasal ghaliha wara li ezamina lill-klijent.

Il-principal kellu suspett fuq is-serjeta' tal-hrug ta' certifikati minn dan it-tabib, mar ghandu u talbu certifikat ghal gurnata ghax kellu dahru jugghu. It-tabib ikkonferma li tah ic-certifikat minghajr ma ezaminah ghaliex meta pazjent jilmenta b'ugieh go dahru u jitlob jum wiehed biss ta' mistrieh, kien jaghtih il-*benefit of the doubt*.

It-Tribunal ma jhossx li ghandu jidhol fil-mertu tal-agir tat-tabib. Jinnota biss li l-impjegat kellu certifikat mediku li kien jintitolah ma jattendiex ghax-xoghol bla ma jsofri ebda konsegwenza.

Ikun utli li jinghad li l-principal qal li kellu dubju fuq dan it-tabib f'diversi kazi ohra; minkejja dan qatt ma addotta s-soluzzjoni li jappunta tabib tal-kumpanija.

(b) Saret enfasi li meta l-appellant gie mitlub jipprezenta certifikat tas-snajja (dan fis-27 ta' Frar, 1998) irrizulta li l-appellant kien attenda kors qasir ta' welding. Il-kumpanija pero' kienet ilha li biddlet l-attivita' taghha ghal rust

proofing u f'dan is-settur il-principal kien jqis lill-appellant bhala "*right hand man*" tieghu. L-inkwiet kien fuq is-sick leave u mhux fuq il-kompetenza tax-xoghol, aktar u aktar xoghol li ma kienx ghadu jsir mill-kumpanija.

(c) Kien hemm incidenti ohra, bhal sewqan bi speed qawwi ta' karozzi godda, nuqqas ta' attenzjoni meta karozza tkun qeghda tigi armata bil-viti, molol, tappizzerija ecc li jkunu nqalghu biex isir ix-xoghol.

Dawn huma nuqqasijiet li jnaqqsu il-*credit rating* ta' kumpanija u setghu jiggustifikaw passi dixxiplinarji, pero' minn dan ma sar xejn. Mhux talli hekk imma l-appellant kien ukoll nghata zieda fil-paga.

**ZVILUPP TAT-TILWIMA**

Ir-relazzjonijiet bejn il-principal u l-appellant li kienu tajba hafna saru kompletament differenti ghall-habta ta' Awissu 1995. F'dak il-perijodu infatti kien inghata warning ghaliex l-appellant ma dahalx ghax-xoghol minghajr gustifikazzjoni. Dan kien meta kien bil-leave imma kellu jidhol nofs ta' nhar wiehed ghal xoghol urgenti, b'rizultat li ntilef klijent importanti.

Parti mix-xoghol kien jinkludi il-gbir ta' karozzi godda li jaslu Malta biex isirilhom ir-rust proofing. Hija haga maghrufa illi karozza gdida ma issuqhiex bil-qawwa imma l-appellant li kellu jikkontrolla liz-zewg lavranti, ghamel il-kuntrarju u gie mcanfar u hawn dahlet relazzjoni hazina ma' missier l-appellant.

Dan l-agir kien wkoll wassal ghal talba lill-principal mill-kiljent tieghu biex ma jibghatx lill-appellant jsuq karozzi tieghu.

F'dan iz-zmien gie nnutat ukoll nuqqas ta' interess fix-xoghol, xoghol difettuz, ghodda li tithalla fil-karozza tan-nies ecc. Haga li zgur ma taghtiex kunfidenza fl-efficjenza tad-ditta.

Gara li l-principal talab lill-appellant jidhol ghax-xoghol overtime fil-jum tas-Sibt u dan irrifjuta ghax kellu t-tigrijiet tal-karozzi. Min-naha tieghu l-appellant qal li ma dahalx ghax-xoghol ghax kien ha skoss go dahru meta kien qed jaghmel ufficcju elevat biex tahtu tidhol karozza.

It-Tnejn ta wara irraporta sick u l-principal talbu jidhol u jaghmel xoghol iehor pero' l-appellant irrifjuta.

L-ghada, it-Tlieta, il-principal ghadda mit-triq fejn joqghod l-appellant u ma rax il-karozza tieghu u assuma li kien hareg; dan il-fatt kien gie konfermat ukoll minn ommu li kienet irrispondiet it-telefonata.

It-tielet jum, l-Erbgha, rega' ma dahalx u meta l-principal ghadda mit-triq fejn joqghod l-appellant, ra karozza wieqfa bil-boot miftuh u par saqajn minn taht il-karozza. Kien hemm ragel iehor li meta rah gej qal xi haga lill-persuna li ma kinetx tidher u din dahlet fil-garage pero' f'dak il-hin il-principal sostna li gharaf lill-appellant.

Fuq dan l-incident ittiehdet xhieda twila minn Glenn Galea, ex-impjegat u sid il-karozza, minn missier l-appellant, mill-appellant u mill-principal.

Ma irrizulta xejn li kien qed isir xoghol bi gwadan.

Kien hemm konflitt jekk l-appellant kienx ir-ragel li saqajh kienu jidhru pero', veru jew mhux veru, il-fatt kienu (a) li dan gara l-Erbgha meta kellu jispicca is-sick leave u (b) hemm differenza bejn tassisti f'xi xoghol hafif (jekk dan kien hekk) milli tahdem fejn kien qed isir xoghol ta' hadid u (c) c-certifikat nhareg biex jserrah dahru u mhux obbligatorju li wiehed joqghod tlett ijiem fis-sodda.

Ghalhekk it-Tribunal jiddeciedi li t-tkeccija kienet ngusta.

Minn ezami tal-process irrizulta li mid-data ta' l-ilment sad-data tal-iffissar ta'l-ewwel seduta ghaddew 5 (hames) xhur; li l-kumpanija ipprezentat l-iStatement of case taghha 5 (hames) gimghat bir-ritard u mbaghad addenda wara 5 (hames) xhur ohra mentri l-appellant lanqas biss ipprezenta il-kaz tieghu u d-difensur tieghu, fl-ewwel seduta, qal li l-applikazzjoni lill-Ministru kellha tittiehed bhala l-iStatement of Case. Fit-tieni seduta l-kumpanija ma dehritx u lanqas ma dehret fis-26 ta' Novembru peress li kienu ghaddejjin trattattivi ta' transazzjoni, mentri fit-tielet seduta id-difensur taghha ma deherx ghax ma setax jattendi u b'hekk ghaddiet kwazi sena qabel ma beda jinstema' l-kaz.

Il-kumpanija ipproduciet xhieda u ezaminathom f'tul esagerat u fuq hafna dettalji kompletament irrilevanti ghal kaz.

Id-difensur ta' l-appellant ma deherx ghax kien msiefer u gara l-istess haga fit-8 ta' Ottubru u fit-22 t'Ottubru meta f'din tal-ahhar l-appellant kien fil-kuridur tal-Qorti imma meta issejjah ma dahalx.

Dawn il-fatti qeghdin jinghadu peress li din it-tilwima ilha sejra aktar minn sentejn meta suppost li tinqata', possibbilment fi hmistax-il jum.

Mir-records tal-Employment Training Corporation irrizulta li l-appellant beda jahdem ma' principal iehor fl-20 ta' Marzu, 1996, biddel ix-xoghol diversi drabi u anke ghamel zmien qasir jirregistra ghax-xoghol.

Minhabba l-inkwiet li dahal fir-relazzjonijiet bejn il-principal u l-appellant, kif ukoll bejn il-genituri tieghu, u t-tul ta' zmien li ghadda, meta zgur gie mpjegat bniedem iehor, mhux sejjer jigi ordnat li l-appellant jinghata ix-xoghol li kellu u minn flok qed jigi fissat kumpens ta' LM350.

B'hekk tintemm din it-tilwima.

--------------------

**MAURICE PETROCOCHINO**
**Chairman**

----------

**JOYCE AGIUS**
**A/Segretarja**